MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1392/2005

**Maltacom p.l.c. – C22334**

**Vs**

**John Mary Vella – I.D. 57753M**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' disghin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm90.61c) rapprezentanti servizz tat-telefon bin-numru 21322422 liema servizz gie nstallat fil-fond 12, Triq Amery, Sliema skond diversi kontijiet mibghuta lilu.

Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa’ nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali.

Ra li l-konvenut John Mary Vella, debitament notifikat, ma kkontestax it-talba attrici.

Sema’ lil Dr Ingrid Zammit Young tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ disghin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm90.61c) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------